MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 384/2004

**A B**
**vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

**Citazzjoni tal-attrici**.

"Peress illi l-kontendenti zzewgu nhar is-27 ta' Mejju tas-sena 1989, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal u cioe' Charlene li twieledet fil-hmistax ta' Settembru tal-1989 (15.09.1989), Jean Claude li twieled nhar il-hamsa ta' Frar tal-1993 (05.02.1993) u Leandro li twieled nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Novembru tas-sena 2000 (28.11.2000).

Peress illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabbilment minhabba abbandun, nuqqas ta' fondi ghall-manteniment, sevizzi, ingurji u nuqqasijiet ohra imputabbli lill-konvenut b'mod li rrenda l-hajja matrimonjali impossibbli bejn il-kontendenti.

Peress illi l-konvenut, b'mod arbitriju u definittiv, abbanduna u halla d-dar matrimonjali u ma qieghed jghaddi l-ebda forma ta' manteniment, la ghall-attrici u l-anqas ghall-uliedu.

Peress illi l-konvenut ghandu relazzjoni extra konjugali.

Peress illi wara li nbeda l-process ta' medjazzjoni sabiex jintlahaq ftehim bonarju, dan il-process falla u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attrici tipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet numru 1040/04.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

(1) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli ghall-istess konvenut.

(2) Tillikwida s-somma dovuta mill-konvenut bhala manteniment lill-attrici u t-tfal minuri Charlene ta' hmistax-il sena (15), Jean Claude ta' hdax-il sena (11) u Leandro ta' erba' snin (4).

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-attrici u l-minuri skont kif iffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

(4) Tassenja lill-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut il-kirja tad-dar matrimonjali u cioe l-appartament numru 10, Block 'G', Triq Jean Houel, San Giljan.

(5) Taffida lill-attrici l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri b'access li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti ghall-konvenut.

(6) Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tiddividiha f' porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u ope sententiam tassenja porzoni lill-attrici u ohra lill-konvenut.

(7) Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha jew parti minnhom sa fejn applikabbli tal-artikolu 48 tal-Kap 16-tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat li l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh[1] izda ma pprezentax eccezzjonijiet ghall-kawza.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Lydia Abela mahluf fid-19 ta' Gunju 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-attrici xehdet illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Mejju 1989 meta hija kienet diga' tqila. Weldet lit-tifla fil-15 ta' Settembru 1989. Ghal bidu huma marru joqghodu ghand omm l-attrici. Mill-bidu taz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom diffikultajiet bejniethom peress li l-konvenut beda johrog ma' shabu ta' spiss, li skont l-attrici kienu ta' karattru hazin.

Erba' snin wara kellhom it-tieni tarbija u sentejn wara marru joqghodu go post tal-Gvern li l-konvenut ha hsieb jirranga. Dan l-izvilupp kien nissel fl-attrici t-tama li l-affarijiet kienu ser jimxu ghall-ahjar bejniethom.

[1] Fol. 26

Fis-sena 2000 twieled it-tielet wild tal-partijiet. L-attrici tispjega li f'dak il-perijodu l-hajja matrimonjali ta' bejniethom marret hafna ghall-aghar. Tispjega l-attrici li l-konvenut "sfratta". Qabad u telaq mid-dar matrimonjali minghajr ma qalilha tant li minflok kellem lilha kien cempel lit-tifla l-kbira u qaliha li kien telaq mid-dar u mar joqghod go flat mikri.

Kien perijodu difficli hafna ghall-attrici li riedet trabbi tlett itfal minghajr l-ebda ghajnuna da parti ta' missierhom. Madwar tlett xhur wara li kien telaq kienet avvicinatu u talbitu jerga' lura d-dar. Huwa accetta li jmur lura izda biddel ix-xoghol u beda jahdem barra minn Malta fuq l-'oil rigs'.

Tghid li meta kien jigi lura minn barra fuq 'leave' mix-xoghol, il-konvenut kien iqatta' hafna hin barra mid-dar. Tispjega li dak iz-zmien kienet sabet fi hwejjgu nota bl-isem ta' mara ohra bi kliem ta' mhabba fuqha.

Ghal darb' ohra hafritlu izda l-konvenut baqa' johrog ta' sikwit sakemm rega' telaq mid-dar u l-attrici skopriet li kien beda relazzjoni ohra din id-darba ma' mara ta' nazzjonalita' barranija. Ghaldaqstant l-attrici iddecidiet li tmexxi b'kawza ghal separazzjoni personali.

Ikkonsidrat.

**Responsabbilta' ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Mill-provi prodotti m'hemmx ombra ta' dubju li ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet jahti unikament il-konvenut.

Diversi huma l-azzjonijet tal-konvenut illi kull wahda minnhom tnissel fl-attrici id-dritt li titlob is-separazzjoni personali minn zewgha: adulterji, abbandun u ingurji gravi.

**Adulterju**.

Il-Kodici Civili espressament jistipula li l-adulterju huwa raguni ghaliex tista' tintalab is-separazzjoni personali.

(**Artikolu 38 tal-Kap. 16)**. Il-gurisprdenza tqisu bhala wiehed mill-aktar offizi gravi bejn koppja mizzewga:

Huwa veru li l-provi imressqa fir-rigward jikkonsistu biss fix-xhieda tal-attrici. Izda fil-fehma tal-Qorti ix-xhieda tal-attrici twassal ghall-konvinciment morali li verament il-konvenut ikkommetta adulterju. Il-fatt li l-konvenut huwa kontumaci ma jirrendiex ix-xhieda tal-attrici anqas attendibbli. Il-konvenut kellu dritt kieku ried jipprezenta eccezzjonijiet formali u jresssaq il-provi tieghu. Il-fatt li ma ghamel xejn minn dan fil-fehma tal-Qorti isahhah u mhux idajjef il-verzjoni tal-attrici.

Gie ritenut fir-rigward illi l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' disposizzjoni legislativa li tillimita din il-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika" (**A Spiteri vs Av. Dr. Albert V. Grech et noe** - Prim' Awla - XXXVII.II.693; **Rosina Micallef vs Angelo Micallef** – Prim' Awla – 27 ta' Gunju 1964).

Jirrizulta mill-provi mhux kontradetti illi l-konvenut kien f'relazzjoni adultera matul iz-zwieg mal-attrici f'aktar minn okkazzjoni wahda. Ghalkemm l-attrici tghid li wara l-ewwel okkazzjoni hija hafret lill-konvenut sabiex tipprova ssalva z-zwieg taghha minn mal-konvenut, il-konvenut ma weriex daqstant ghozza lejn il-hajja familjari. Minghajr l-ebda ezitazzjoni jew skruplu ghadda minn relazzjoni adultera ghal ohra minghajr l-ebda hsieb dwar il-hsara li tali ghagir jista' jkollu fuq it-tlett uliedu minuri b'konsegwenza tat-tkissir taz-zwieg b'rizultat tal-agir adulteru tal-konvenut.

Ghalkemm raguni wahda minn dawk fuq imsemmija hija sufficjenti biex tnissel fil-konvenut ir-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg, multiplikazzjoni ta' ragunijiet jirrendu r-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg aktar gravi.

Gie ritenut illi "hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni" (**Vol. XLVI P II p 638**); "purche' sia tale da violare profondamente I riguardi della convivenza coniugale"(**Vol.. XXVI P II p 110**); "Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni (ta' separazzjoni) l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri." (**Caterina Agius vs Benedict Agius** – Prim' Awla – 13 ta' Gunju 1967)

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

**Kura u Kustodja u Manteniment tal-Minuri.**

Mit-tlett ulied tal-partijiet huwa biss Leandro li ghadu minorenni. Iz-zewg ulied l-ohra huma maggorenni u mhumiex isegwu kors ta' studju *full-time.*

Il-minuri huwa mrobbi mill-attrici filwaqt li l-konvenut, bi ftehim mal-attrici, ghandu access liberu ghal ibnu. L-access huwa regolat bi ftehim bejn il-partijiet skont ic-cirkostanzi.

Dwar manteniment l-attrici xehdet illi ma kinitx qed tippretendi manteniment ghaliha personali izda talbet manteniment ghall-minuri. Hija spjegat li bi ftehim il-konvenut kien qed jghaddilha circa mitejn u tmenin ewro (€280) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri u talbet li tali ammont jigi konfermat mill-Qorti.

Ma jirriultax mill-atti ghaliex il-konvenut m'ghandux ihallas manteniment ghall-martu wkoll tenut kont li ghandu impieg regolari.

Ghalkemm fix-xhieda taghha l-attrici xehdet li kienet kuntenta bl-arrangament li kienet lahqet mal-konvenut fis-sens li ma jhallashiex manteniment, it-talba taghha ghall-

manteniment ghaliha personali[2] fl-att promotur ma gietx irtirata.

Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti ser tordna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici. Jekk l-attrici fil-futur tkun tixtieq li tirrinunzja formalment ghad-dritt taghha ghall-manteniment minghand zewgha, dan ghandha taghmlu bil-formola preskritta mil-ligi.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Il-partijiet m'ghandhomx assi immobiljari in komun. Id-dar fejn tirrisjedi l-attrici ma' uliedha hija b'kera liema kera ilha ghal hafna snin tithallas mill-istess attrici.

Kien hemm dejn mal-Bank of Valletta p.l.c. sabiex inxtrat l-ghamara li hemm fid-dar. L-attrici qed titlob li tigi assenjata l-ghamara kollha li hemm fid-dar matrimonjali stante li d-dejn mal-bank halsitu kollu hi. Qed titlob ukoll li l-kirja tad-dar tigi assenjata kollha lilha.

L-attrici spjegat li l-konvenut ghandu vettura li m'ghandhiex in-numru tar-registrazzjoni taghha u li fi kwalunkwe kaz kienet qed tirrinunzja ghal xi sehem li jista' jkollha minn tali vettura.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet u tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba attrici, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mensili ta' erba' mitt ewro (€400) fix-xahar rapprezentanti in kwantu ghal mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar manteniment ghall-attrici u in kwantu ghal mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar ghall-

[2] Fol. 1 (a tergo) – tielet talba attrici.

minuri Leandro. Meta Leandro jaghlaq tmintax-il sena u ma jkunx qed jistudja *full-time,* allura l-manteniment tal-attrici jigi awmentat ghas-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar. Il-manteniment hawn stipulat ghandu jizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-Qorti tawtorizza li l-manteniment jitnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut u min ihaddem lill-konvenut ihallsu direttament lill-attrici.

3. Tilqa' r-raba' talba attrici u tassenja lill-attrici, ad eskluzzjoni tal-konvenut, il-kirja tal-appartament numru ghaxra (10), Block G, Triq Jean Houel, San Giljan.

4. Tilqa' l-hames talba attrici u tassenja l-kura u kustodja tal-minuri Leandro esklussivament lill-attrici b'access liberu ghall-konvenut.

5. Tilqa' s-sitt talba attrici, ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwidaha billi oltre l-akkoljiment tar-raba' talba attrici, tassenja lill-attrici sehem il-konvenut fil-mobbli kollha li jinstabu fl-appartament imsemmi; filwaqt li tassenja lill-konvenut is-sehem tal-attrici fil-vettura jew vetturi li prezentement qieghdin licenzjati f'isem il-konvenut.

6. Tilqa' s-seba' talba attrici u ghar-ragunijiet fuq premessi tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li l-attur iddekada mid-dritt li jitlob manteniment minghand martu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------